

# Tagħrif dwar xi Fratellanzi li kellna f'dawn il-Gżejjer

*Lorenzo Zahra*

Fil-gżejjer tagħna għandna diversi fratellanzi, wħud fil-parroċċi u oħrajn marbutin ma' xi knejjes. Dawn il-fratellanzi huma għaqdiet, ġeneralment tal-lajċi sekulari, li jitwaqqfu dejjem bl-approvazzjoni tal-Knlsja. Jissejħu Fratellanzi, Konfraternijiet, Kongregazzjonijiet u wkoll Sodalitajiet. Ikollhom mod ta' tmexxija magħruf bħala Statut jew Regoli, u fostna jissemmew fl-ewwel Sinodu li fih għandna tagħrif dwar tiġdid fls-sena 1591 *(Costit. Synodale Ecc Meli 1610, paġna 85.)*

Jingħad li għaqdiet simili diġà kienu jeżistu qabel il-Konċilju ta' Trentu, li kien ta bidu biex jirregola diversi suġġetti tal-Knisja.

1. Kull fratellanza hija għaqda ta' lajċi li jissieħbu fil-ħidma tal-Knisja bl-ubbidjenza lejn l-Ordinarju. Kienu l-Kappillani li jressqu t-talbiet biex jiġi approvat is-servizz tagħhom fil-parroċċi. L-Isqof japprova b'digriet, u wara jsir statut li fuqu titmexxa l-fratellanza bħala organizzazzjoni. Naturalment jintgħażlu persuni għat-tmexxija li jkollhom l-approvazzjoni solita.

2. Ġeneralment fratellanza jkollha s-superjur tagħha imsejjaħ Rettur jew Governatur. Dan ikollu żewġ assistenti msejħin il-Prim u s-Sekond Assistent. Fit-tmexxija jinħatru wkoll xi Konsulturi, kif ukoll Prokuraturi għal ċerti taqsimiet. Il-Prokuratur Ġenerali jkun qisu l-kaxxier tal-lum, imma l-prokuraturi l-oħra jkollhom il-kura, ngħidu aħna, tal-artal, tal-oqbra jew tal-menswalità - li hi l-ħlas ta' kull sena jew ta' darba biss. Id-dħul kien iservi biex jitħallsu spejjeż ta' talb, funerali u midfna u ta' ċerti obbligi.

3. Il-mard u l-mewt ta' kull imsieħeb dari kienu jitħabbru b'qanpiena fit-toroq biex il-fratelli jinġabru jitolbu għalih u jieħdu sehem fil-vjatku u fil-funeral tiegħu. Kien jindifen fl-oqbra tal-fratelli, li dari kienu fil-knejjes, imma llum jinsabu fiċ-ċimiterji. Dari, d-dfin tal-epidemji biss kien isir barra l-knisja f'ċimiterji li konna nsejħulhom "tal-Infetti'. Kull fratellanzi kien ikollha l-oqbra fil-knisja, imma meta l-gżejjer tagħna ġew taħt il-ħakma Ingliża, l-gvern kien bena ċimiterju ġenerali u ordna li ma jibqax isir dfin fil-knejjes - dan għall-ħarsien tas-saħħa.

4. Kull fratellanza kienet tingħata l-kura ta' xi artal, li xi wħud minnhom ġew imkabbra u mżejna bħala kappella intiera; u mhux hekk biss, il-fratellanza kienet tieħu ħsieb ċerti ċelebrazzjonijiet




**Oratorju**

5. Maż-żmien xi fratellanzi ħasbu biex ikollhom post fejn jagħmlu l-laqgħat tagħhom, għalhekk bnew "oratorji". F'dawn kienu mhux biss jagħmlu l-laqgħat amministrattivi tagħhom, imma wkoll laqgħat ta' talb, quddies, u wħud kienu jinġabru f'komunità jagħmlu l-uffiċċjatura u tant devozzjonijiet oħra. Għad għandna oratorji tassew sbieħ fil-qasam arkitettoniku u artistiku li huma frott ta' dawn il-fratellanzi. Wħud minnhom huma magħrufa għall-opri tal-arti li fihom. Nista' hawn insemmi dawk tal-Belt - tas-Sagrament ta' Portu Salvu; dak tal-Karità fil-knisja ta' San Pawl; tal-Onorati f'tal-Ġiżwiti. Hemm oħrajn fit-tlett ibliet tal-Kottonera u wkoll f'xi rħula. Nistgħu bla dubju nistqarru li kienu dawn il-fratellanzi li għammru b'tant opri l-knejjes tagħna.

6. L-ilbies li jġibu l-fratelli llum jikkonsisti minn konfratija bajda, biċ-ċinglu, bil-kuruna tar-rużarju mdendla, b'muzzetta, u bil-barnuż fuq rashom. Il-fratellanzi kienu jingħataw permess għal dan l-ilbies mill-Kanċellerija tal-Kurja, u ġeneralment ikollhom kuluri distinti fil-muzzetta. Kienu jġibu midalja fuq is-sider, u dik tar-Rettur tkun speċjali. Kien hemm fratellanzi, bħal dik imsejħa "tal-Onorati", li proprjament hija fratellanza ta' Santa Marija Assunta, li kienu b'ilbies sekulari biss. Eċċezzjoni kienu l-fratellanzi tal-Via Sagra marbuta ma' dik barranija, li flok kunfratija kienu jilbsu suttana ħamra. Il-fratelli tar-Rużarju tal-Belt kienu l-unika fratellanza li jilbsu kappell fuq il-barnus.

7. Billi xi fratelli u qraba tal-fratelli kienu jħallu obbligi ta' talb jew għajnuna oħra f'idejn il-fratellanza, din kienet tara li twettaq dawn l-obbligi taħt it-treġija tal-Knisja, li kienet trid li l-obbligi jitwettqu skont ir-rieda tal-fundaturi. Kienu jiġu appuntati prokuri għal dan il-għan, u l-Knisja kienet tirregola bir-reqqa t-tmexxija tagħhom; minn żmien għal żmien kienet teżamina l-ħidma individwali ta' kull legat imħolli.

**Għaqdiet tas-Snajja'**

8. Xi fratellanzi kellhom il-karattru ta' għaqdiet ta' nies tas-snajja miġbura flimkien fi

ħdan il-Knisja. Kien hemm żmien meta l-Università tal-Ġurati Maltin kienet tinqeda b'dawn il-fratellanzi għat-tmexxija tal-istess sengħa. Ġieli kunsillieri tal-fratellanzi marru Sqallija dwar ix-xogħol tas-sengħa tagħhom. Hekk, ngħidu aħna, kien hemm żmien meta fratellanza kienet tagħti liċenzji għal din il-ħidma. Biex insemmu xi fratellanzi tas-sengħa dawk ta' San Mikiel kienu x'aktarx tan-negozzjanti u tal-ħwienet; insibu minnhom fil-Belt fl-1695, u fir-Rabat u f'Ħal Qormi fl-1739. Dawk ta' San Omobono kienu għall-ħajjata u l-bejjiegħa tal-ħwejjeġ; din il-fratellanza nsibuha l-Belt fl-1783. Il-Belt hemm ukoll dik ta' San Krispin u Krispinjanu, li kienet għall-iskrapan. L-arġentiera kienu fil-Fratellanza ta' Santa Liena. Il-ħaddieda kellhom lil Sant' Eloi; it-tobba l-fratellanza ta' San Gosma u Damjan fil-Belt u fil-Birgu, u ta' Santa Katerina kienet għall-kurdara - din kienet tinsab il-Birgu sa mill-1643. Il-mastrudaxxi - il-Ġużeppini - kellhom waħda mill-eqdem fratellanzi li biż-żmien xterdet ma' diversi parroċċi. Hekk insibuha f'Ħ'Attard fl-1746, Birkirkara fl-1884, Ħal Għargħur fl-1751. Ħal Għaxaq fl-1750, il-Kalkara fl-1878, il-Mellieħa fl-1907. l-Imsida fl-1895, il-Mosta 1673, in-Naxxar fl-1866, Ħal Qormi fl-1848, ir-Rabat fl-1508, San Ġiljan fl-1918, is-Siġġiewi fl-1745, il-Belt Valletta fl-1669, u Ħaż-Żebbuġ fl-1738. Dawn il-fratellanzi nistgħu ngħidu welldu I-unions ta' żmienna.

9. Kull fratellanza jkollha l-istatut tagħha li jkun approvat mill-Isqof tad-Djoċeżi. Il-fratellanza l-ewwel tagħti l-istatut tagħha lill-Kappillan u dan, wara li jkun eżaminah, iressqu l-Kurja għas-soltu skrutinju u fl-aħħar jitressaq għall-approvazzjoni tal-Isqof. L-ewwel statuti li ltqajt magħhom fl-arkivji tal-Kurja kienu dawk tal-Fratellanza ta' San Ġużepp fil-knisja tal-Madonna tal-Karmnu l-Belt fl-1668[12], dak tal-Fratellanza tal-Agunija f'Ħaż-Żabbar 1669[13], u dak tas-sodalità tal-qassisin tal-Isla 1669[14]. Kull statut tul is-snin isir fih xi tibdil li dejjem isir bl-approvazzjoni tal-Kurja.

Il-laqgħat tal-fratelli kienu jsiru skont l-istatut tal-fratellanza. Il-laqgħat kienu jissejħu mir-rettur, waqt li s-segretarju kien jieħu ħsieb javża. Xi drabi dawn il-laqgħat kienu jkunu għall-uffiċċjatura biss, u drabi oħra jkunu laqgħat ġenerali. Il-"Konsulti" jkunu miftuħa bit-talb immexxi mid-direttur spiritwali, u għalhekk fuq il-mejda jew il-katedra uffiċċjali jkun hemm Kurċifiss u żewġ xemgħat. It-talb jitmexxa mid-direttur spiritwali, li jkun jew il-Kappillan jew delegat tiegħu. Jippressiedi r-Rettur, u b'qanpiena fidu jagħti s-sinjali meħtieġa, dejjem skont l-istatut.

10. Kull fratellanza jkollha l-arkivju tagħha, fejn jinżammu d-dokumenti kollha. Xi fratellanzi għad għandhom arkivji qodma tassew, li jħażżnu fihom bosta dokumenti ta' importanza storika. Uħud kienu jinżammu b'għaqal u b'sengħa. Dawn id-dokumenti dejjem jitressqu l-Kurja għand il-Kanċillier biex ikunu eżaminati mill-uffiċċjali tal-Knisja u fl-aħħar jingħataw A-Quittanza, jiġifieri digriet mill-Isqof dwar il-korrettezza tax-xogħol eżaminat.

**L-Eqdem Fratellanzi**

11. Monsinjur Vincent Borg jgħid li diġà fis-seklu X (għaxra) kienu jeżistu xi

fratellanzi[15]. Fil-Birgu, fuq il-bieb tal-Oratorju tal-Fratellanza ta' San Ġużepp, hemm miktub li din twaqqfet fl-1103. Fil-Kastell Sant'Anġlu kien hemm fratellanza tal-Madonna fl-1445, imlaqqma "taċ-Ċerawola" (Kandlora) li żmien wara kienet ittieħdet il-Birgu. fii-knisja tal-Lunzjata[16]. Fl-istess żmien kien hemm fratellanza tail-Madonna ġewwa Ħ'Attard[17]. L-lsqof Cubelles waqqaf dik Marjana f'Ħ'Attard[18] (Marian Devotions in Maltese Islands of St. Paul, pġ 7)

12. Meta Mons. Duzzina għamel żjara pastorali f'Malta fl-1575 introduċa l-fratellanza tas-SS Sagrament f'diversi parroċċi. Fir-Rabat, Mons Duzzina sab żewġ fratellanzi antiki: dik ta' San Ġużepp u oħra ta' San Mark, u riedhom jingħaqdu fi Fratellanza tas-Sagrament. Dawn il-fratellanzi kienu jieħdu ħsieb l-artal maġġur tal-knisja, u kienu wkoll daħħlu d-devozzjoni tal-erbgħin siegħa adorazzjoni f'ħafna parroċċi. Il-fratelli kienu jieħdu sehem f'kull tielet Ħadd tax-xahar, meta fil-knejjes isiru devozzjonijiet bis-Santissimu Sagrament. Minn żmien Duzzina bdew jitwaqqfu fil-parroċċi kollha u ma nistgħux ma nsemmux is-sehem kbir li għadha twettaq sal-lum il-Fratellanza tas-Sagrament imwaqqfa fil-parroċċa marbuta mal-Grotta ta' San Pawl fir-Rabat. Għalkemm kienu diġà bdew juffiċċjaw, xi fratellanzi għandhom dokumenti ta' twaqqif li juru data ta' żmien wara. Hawn se nagħti l-aktar sena qadima li ltqajt magħha;

1669 Ħal Balzan, 1690 ix-Xewkija, 1715 L-Isla, 1734 Ħal Luqa, 1735 Il-Mosta, 1756 Il-Qrendi, 1767 Cospicua, 1773 Ħal Qormi, 1779 Ħal Lija, 1797 Ħal Għaxaq, 1820 Marsaskala, 1844 Il-Mellieħa, 1858 In-Naxxar, 1865 Ħad-Dingli, 1867 l-Msida, 1875 Ħal Safi, 1878 Ħal Kirkop, 1880 L-Għarb, 1882 Il-Ħamrun, 1895 San Ġiljan, 1898 Il-Kalkara u Marsaxlokk, 1899 L-Imġarr u L-lmsida, 1911/12 Paola, 1913 Birżebbuġa u l-Marsa.

13. Il-Fratellanzi tal-Agunija tal-Erwieħ ilhom fostna mis-seklu 16 u 17 u xterrdu ħafna. Dawn jaħsbu għal passaġġ tajjeb lejn l-eternità. Allura nistgħu ngħidu li din il-fratellanza kienet minn ta' quddiem fil-ħidma tagħha fil-parroċċi. Dari, meta kienet iddurna xi epidemija, kien ikun bla għadd in-numru tal-imwiet. Il-fratellanzi allura kienu jieħdu ħsieb id-dfin u ċ-ċimiterji infetti. Santu Rokku u San Bastjan kienu l-qaddisin protetturi tagħna waqt l-epidemiji. Fil-Birgu, l-qima lejhom ġabet fratellanza fl-1598 li kienet tagħmel proċessjoni bi statwa. Uħud minn dawn il-fratellanzi kienu jinġabru fil-knejjes tagħna waqt l-agunija tal-imseħbin b'orazzjoni quddiem Ġesù Sagramentat li kien ikun espost mit-tabernaklu stess. Dari kont tisma' t-tokki tal-qanpiena tal-agunija li tfakkar li xi ħadd kien qrib il-mewt. L-ewwel Fratellanza tal-Agunija kienet dik ta' Ħaż-Żebbuġ imwaqqfa fl-1640. Uħud minn dawn il-fratellanzi kienu magħrufa wkoll bħala tal-Erwieħ tal-Purgatorju (Anime Purganti). Hawn insemmu wħud minn dawn;

1610 Corpicua, 1653 Ħal Qormi, 1658 Il-Mosta u Ħaż-Żebbuġ, 1669 Ħal Għargħur, Il-Gudja, Iż-Żejtun u Ħaż-Żabbar, 1671 Ħ'Attard, 1673 Senglea, 1674 Ħal Tarxien, 1676 Birkirkara, 1687 Iż-Żurrieq, 1691 L-Imqabba u l-Belt, 1718 Ix-Xagħra, 1725

Ħal Balzan, u fl-1751 L-Imdina

14. Dawn il-fratellanzi tal-erwieħ kienu wkoll ta' kull sena jagħmlu l-uffiċċjatura tal-mejtin li kienet issir jew fl-oratorju tagħhom stess jew fil-parroċċa. Allura kienu jarmaw tubru, b'faldrappa rrakkmata bid-deheb fil-ġnub, bankuni bix-xemgħa u gandlieri tal-ħadid miżbugħa suwed bit-torċi fuqhom, u magħhom tiddendel l-emblema tal-fratellanza jew xbiha ta' ras ta' mewt. Kienu jissemmew l-imseħbin wieħed wieħed u kien ikun espost kwadru bl-ismijiet tagħhom. Xi fratellanzi kellhom kotba stampati apposta, bit-talb bil-Latin jew bit-Taljan li kien jingħad bħala uffiċċjatura. Nistgħu ngħidu li dawn inqatgħu wara l-Konċilju Vatikan it-Tieni.

**Il-Fratellanzi tar-Rużarju**

15. Wara r-rebħa tal-battalja ta' Lepanto fl-1571 li fiha ħadu sehem ukoll ħafna baħħara Maltin taħt il-bandiera tal-Ordni, xterrdet fostna l-Fratellanza tar-Rużarju. Kienu l-Patrijiet ta' San Duminku l-promoturi ta' din il-fratellanza li tħajjar lill-poplu tagħna jitlob permezz tar-Rużarju. F'ħafna parroċċi, l-fratellanza għandha kappelluni mżejna b'artali sbieħ fejn, fix-xahar t'Ottubru, titwettaq il-festa tal-Madonna tar-Rużarju. Fost il-fratellanzi nsemmi dik tal-Belt Valletta, li kienet tieħu ħsieb l-iġġustizzjati; saħansitra d-dfin tagħhom. Din il-fratellanza kienet ukoll magħrufa bħala Tal-Miserikordja u twaqqfet fl-1573. Tliet snin wara bniet oratorju. Il-membri tagħha dejjem kienu nies distinti, u fi tfuliti kienu johorġu jiġbru qabel issir xi eżekuzzjoni tal-forka, bil-kappell "Trespicos" fuq il-kapott. Se nsemmi xi Fratellanzi tar-Rużarju li ltqajt magħhom f'dokumenti:

1578 il-Matriċi t'Għawdex, 1588 Il-Gudja. 1594 Il-Mellieha u n-Naxxar, 1596 Ħal Kirkop u l-Imqabba, 1599 Ħal Lija, 1601 Ħal Qormi, 1612 Il-Mosta, 1624 Cospicua, 1634 Ħal Luqa, 1608 Ħal Għargħur, 1628 Ħal Għaxaq, 1682 Ix-Xewkija, 1690 Ix-Xagħra, 1705 In-Nadur, 1716 Ħaż-Żebbuġ, 1721 Ta' Sannat, 1857 Għajnsielem, 1689 L-Għarb u fl-1698 Ħad-Dingli.

16. Kellna wkoll l-Fratellanzi tal-Madonna tal-Karità. Hawn ta' min jgħid li f'dawk iż-żminijiet kellna fostna faqar kbir wisq u allura xi wħud li kellhom xi ġid, fosthom xi nobbli Maltin, kienu jingħaqdu fi fratellanzi u b'ġidhom jgħinu lill-batuti. Dawn il-fratellanzi kienu mhux biss iqassmu l-ħobż f'ħafna okkażjonijiet ta' festa, imma wkoll b'legati kienu saħansitra jgħinu xi xebbiet jiżżewġu u jgħinu kull tip ta' familji batuti. Kienu wkoll jgħinu fil-fidwa mill-jasar ta' xi Maltin maqbuda ilsiera. Din il-fratellanza konna nsibuha fil-Birgu sa mill-1582, imma wara l-gwerra * ma ssemmietx aktar. Kienet tagħmel proċessjoni bl-hekk imsejħa "baċiri" li kienu trofej mżejna bil-ħbejżiet. Kellha ikona antika tal-Madonna Elemosiniera, li wara ttieħdet il-Belt u llum tinsab fil-knisja tal-Griegi. Din il-fratellanza tinsab fl-lsla 1615, Ħal Għaxaq 1655, il-Belt Valletta sa mis-sena 1610 u fir-Rabat f'Għawdex.

17. Fis-seklu XVIII (tmintax) kienet inħasset il-ħtiega għat-tagħlim tad-duttrina

u kienu twaqqfu Fratellanzi tal-Madonna tad-Duttrina f'diversi parroċċi. Nistgħu ngħidu li baqgħu attivi sa ma twieldu l-għaqdiet sekulari tat-tagħlim tad-duttrina. Insibu li fl-1724 kellna fratellanza f'Ħaż-Żebbuġ u fil-Belt; fis-sena 1727 fiż-Żurrieq u f'Ħal Safi; fl-1728 f'Ħaż-Żabbar; fit-1748 fin-Naxxar u f'Ħal Tarxien; fis-sena 1751 fir-Rabat, Iż-Żebbuġ, L-Għarb, Ta' Sannat, In-Nadur, Ix-Xewkija, u L-Għasri u fl-1777 fil-Birgu u Ħal Lija.

18. Fis-seklu XVII (sbatax) kellna diversi Fratellanzi tas-SS Kurċifiss, li wħud minnhom kienu daħħlu l-proċessjonijiet tal-Passjoni ta' Ġesu u xerrdu wkoll id-devozzjoni lejn il-Madonna Addollorata. Xi wħud minn dawn il-fratellanzi kienu bdew bħala Fratellanzi tal-Agunija. Se nsemmu xi wħud minn dawk li kienu marbuta mal-parroċċi tagħna: Iż-Żurrieq 1646, Ħal Għaxaq 1647, Ħal Qormi 1649, Ħ'Attard 1665, Ħal Għargħur 1668, Ħaż-Żabbar 1669, Is-Siġġiewi 1671, Ħal Tarxien 1674, Ħal Balzan 1676, Il-Gudja u Il-Qrendi 1678, Il-Mosta 1686, il-Belt Valletta 1691, Vittoriosa 1712, Senglea 1714, Ir-Rabat Għawdex 1728, In-Naxxar 1750, Ħal Luqa 1755, Ħal Lija u Ħaż-Żebbuġ 1758,

19. Fost is-solidajiet li kellna, ma setgħax jonqos li jkollna wkoll dik tal-qassisin, għax anke il-qassisin riedu jkunu magħqudin biex jgħinu lil xulxin. Din is-sodalita' konnu nsibuha fid-diversi parroċċi tagħna. F'Senglea twaqqfet fl-1660, fil-Belt Valletta fl-1664, fil-Matriċi f'Għawdex, fl-Għarb, Iż-Żejtun, Ħal Tarxien, Ħaż-Żabbar, Il-Gudja, Ħal Għaxaq,u Ħal Luqa fl-1689, fil-Birgu, Ir-Rabat, L-Imqabba, Ħal Kirkop u Ħal Safi fl-1752.

20. L-ordnijiet reliġjużi wkoll kellhom il-kontribut f'din il-ħidma tal-Knisja fost il-lajċi. Il-Ġiżwiti kienu minn ta' quddiem li daħħlu fostna il-Fratellanza ddedikata lill-Assunta u li kellha l-bidu tagħha fil-Birgu fl-1604, fejn kellha kappella ta' Maria Assunta. Din il-fratellanza kienet ta' nies distinti u nistgħu ngħidu li kienet l-aħħar waħda li sa ħames snin ilu kellha laqgħat fil-Ħdud kollha tas-sena, bl-uffiċjatura u l-quddiesa, u bl-eżerċizzi bit-Taljan fl-Oratorju l-Belt.

21. Il-Franġiskani wkoll kienu promoturi fit-tixrid mhux biss tat-Terz Ordni, imma wkoll għat-twaqqif ta' Fratellanzi tal-lmmakulata Kunċizzjoni. Għall-bidu xi fratellanzi kienu magħrufa bhala "tas-Sokkors", imma wara bdew ikunu magħrufa bħala tal-lmmakulata Kunċizzjoni. Hekk insemmu li kienu jinsabu f'Cospicua u Senglea fl-1581, Il-Belt Valletta fl-1636, Vittoriosa 1646, Ir-Rabat Għawdex fl-1663, Ħal Tarxien 1668, Ir-Rabat Malta fl-1731, l-lmqabba fl-1772, u Ħaż-Żebbuġ fl-1777.

22. L-Agostinjani kienu bdew bi fratellanza fil-Belt sa mis-sena 1612, imma kienet marbuta wkoll ma' dik ta' Santa Monika. Kien il-Papa Alessandru VII li lil Mons. d'Abusson riedu jitlob lill-Agostinjani jxerrdu l-fratellanza. Dawn, wara fis-sena 1720 xerrdu l-qima lejn il-Madonna tal-Konsolazzjoni, jew taċ-Ċintura, jew tal-Bon Kunsill - kif kienet saret magħrufa. Din il-fratellanza llum tinsab f'diversi parroċċi tagħna. Hekk insibuha fil-Belt 1612, Ħ'Attard u Ħaż-Żebbuġ 1720, Il-Mosta 1721,

Ir-Rabat 1722, Il-Gudja u Ħal Lija 1727, Iż-Żejtun 1734, Il-Qrendi 1736, Vittoriosa u Ħaż-Żabbar 1737, Ħal Għargħur 1747, Ħal Tarxien u s-Siġġiewi 1770, u Cospicua 1771.

23. Il-Karmelitani xerrdu b'qima lejn il-labti tal-Madonna tal-Karmnu, imma għamlu dan l-aktar permezz tat-Terz Ordni tai-Karmelu jew tal-labtu tal-Madonna tal-Karmnu. Fl-Isla kien hemm Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu. F'Ħaż-Żabbar fil-viżta pastorali tas-sena 1758 (paġna 783) tissemma l-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu, waqt li fiż-Żurrieq twaqqfet ukoll fratellanza fl-1801.

Kellna wkoll fratellanzi bħal dawk ta' Sant' Agata fil-Belt u f'Bormla 1804-1805. Ħal Għaxaq kien hemm ta' Sant'Anna fl-1669; fil-Birgu fl-1739 kien hemm dik ta' San Ġwann Evanġelista u oħra kienet dik ta' Bambino Gesu mwaqqfa fl-1731. Fil-Belt kien hemm dik ta' Kristu Rxoxt mwaqqfa fl-1659.

B'dawn il-fratellanzi wieħed jifhem kemm il-lajċi ta' dari kienu wkoll jissieħbu fil-ħidma tal-parroċċi tagħna, u dawn l-għaqdiet juru l-ħeġġa ta' missirijietna marbuta dejjem mar-reliġjon li ħallielna s-Sinjur tagħna Ġesù Kristu.




IT-TUBRU
1. Emblema tal-Fratellanza jew ras ta' mewt. 2. Gandlier tal-hadid miżbugh iswed. 3. Faldrappa rrakkmata bid-deheb. 4. Bankun b'sitt semghat fuq kull naha.

Iż-żminijiet tbiddlu u xi fratellanzi tant kibru fostna li ċċelebraw diversi festi. Imma billi twieldu għaqdiet oħra profani marbuta magħhom, nibtu xi firdiet. Allura l-Knisja wara xi snin kienet ippruvat tirregola b'Konsilju Reġjonali fl-1935. Iżda fis-sena 2007, wara studji bir-reqqa mis-Segretarjat tal-Lajċi, il-Knisja stabbiliet uniformità fit-tmexxija u xandret statut bażiku għall-fratellanzi li llum jaqgħu taħt is-Segretarjat tal-Lajċi mwaqqaf mill-Kurja tal-Arċidjoċesi.